**Matul dawn l-aħħar snin, il-Gvern u l-awtoritajiet Maltin għamlu r-riformi neċessarji biex jitrassformaw il-gżejjer Maltin minn *offshore jurisdiction* għal waħda mill-iktar ġuriżdizzjonijiet kompetittivi fl-Ewropa.**

**L-indiċi tal-kompetizzjoni globali tal-*World Economic Forum*, ikklassifikat lil Malta fil-15 -il post minn 142 pajjiż għall-iżvilupp tas-suq finanzjarju, grazzi għall-ħidma tal-MFSA. Il-kontribut tas-servizz finanzjarju żdied sostanzjalment fis-snin li għaddew u ikkontribwixxa għal 12 % tal-prodott gross domestiku.**

**Madankollu, is-settur finanzjarju huwa vulnerabbli u jista' jiġi affettwat minn tibdil fir-** regolarizzazzjoni**. Dan jista', fost affarijiet oħra, jiġi ikkawżat mill-armonizzazjoni tas-settur finanzjarju fuq livell Ewropew li jista' jaffettwa l-kompetittivita' ta' pajjiżna.**

**Bħala parti mill-moviment, nemmnu li diversi inizjattivi jistgħu jittieħdu sabiex is-settur finanzjarju jibqa jissaħħaħ. Fost dawn nissuġġerixxu:**

**▪ Sistema komunikattiva bejn l-imsieħba mis-settur finanzjarju u r-rappreżentanti mil-Parlament Ewropew.**

**▪ Nissuġġerixxu wkoll il-ħolqien ta' unit strateġiku biex jissaħħu r-relazzjonijiet ta' Malta ma' *Sovereign Wealth Funds* li jistgħu jinvestu f'entitajiet lokali li jkollhom bżonn investiment sostanzjali.**

**▪ Nemmnu wkoll li nistgħu ntejbu r-reputazzjoni ta' Malta bħala ċentru finanzjarju billi nieħdu r-riedni fl-immaniġġjar finanzjarju għal pajjiżi żgħar. Dan jgħin biex inġibu investimenti lejn pajjiżna u nipromwovu lil Malta bħala *onshore financial centre* fi ħdan l-Unjoni Ewropea.**

**▪ Intejbu l-komunikazzjoni bejn l-istituzzjonijiet edukattivi u s-settur finanzjarju. Dan jgħin sabiex Malta tipproduċi professjonisti b'livell ta' edukazzjoni kif meħtieġ mis-settur.**

**Il- *focus group* fuq is-servizzi finanzjarji huwa ggwidat minn prinċipji ekonomiċi filwaqt li jippreżenta proposti li mhumiex affettwati mill-pressjonijiet tal-elezzjonijiet jew interferenzi partiġġjani.**

**Bħala parti mill-moviment lesti li niddjalogaw ma min hu nvolut fis-settur, billi nirrapreżentaw il-fehmiet u s-suġġerimenti tagħkom**.

**Żommu kuntatt magħna permezz tas-sit elettroniku www.progress.org.mt, l-indirizz elettroniku contact@progress.org.mt jew in- numru ċellulari + 356 999 777 78**.